# Paċi u Ġid

N.79 - Ġunju 2014



**Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali**
**Sr Josephine Xuereb**



Għeżież qarrejja ta' Paci u Ġid,

Ninsabu fix-xahar ta' Ġunju, xahar iddedikat lill-Qalb ta' Ġesù. Aħna, is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù hija parti mill-kariżma tagħna. Nimpenjaw ruħna mhux biss fix-xahar ta' Ġunju, iżda kuljum, sabiex ngħixu l-adorazzjoni, l-offerta tagħna nfusna u r-riparazzjoni lejn il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù. Ġesù li jinsab ħaj bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-Divinità fl-Ewkaristija, la hemm Ġisem hemm Qalb tħabbat bl-imħabba lejn il-bnedmin. Din il-Qalb ħafna drabi hija midruba bin-nuqqas ta' mħabba u bid-disprezzi minna l-bnedmin. Aħna bħala membri ta' din il-Kongregazzjoni, nagħmlu ħilitna biex inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba u nirriparaw għall-offiżi li tirċievi minn tant bnedmin.

Għalhekk, int li qed taqra din ir-rivista nħeġġek biex tingħaqad magħna fl-adorazzjoni lejn Ġesù Ewkaristija u fir-riparazzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù biex nonorawh u nagħmluh magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien kif dejjem ħeġġitna Madre Margerita.

Resqin ukoll għaż-żmien tas-sajf, żmien ta' vaganzi u xi ftit mistrieħ, iżda tajjeb niftakru li mal-Mulej m'hemmx vaganzi. Għalhekk nitħeġġu biex inkomplu nikbru fil-fidi u fir-relazzjoni tagħna m'Alla ħalli ngħixu ta' vera nsara.

Il-Mulej jagħtik is-Sliem!



# Intervista ma' Sr Elaine Spiteri



**Età:**

*26 sallum, skont meta ħa toħroġ din l-edizzjoni.....*

**Liema hu l-kulur favorit tiegħek? Fhiex ifakkrek?**

*Inħobb il-kulur blu għax ifakkarni ħafna fil-baħar.*

**Xi tħobb tagħmel fil-free time?**



*Bħalissa l-free time hu naqra limitat, imma l-ftit li jkolli nħobb nużah biex nagħmel xi sport ( nilgħab xi logħba ballun ma' ħuti fil-fraternità jew ngħum fis-Sajf), something relaxing bħal nisma' xi mużika sabiħa, jew immur ħdejn il-baħar għall-kwiet.*

**Liema hu dak l-aspett li jolqtok l- aktar fil-karattru tiegħek?**

*Naħseb l-iktar ħaġa li tolqotni hija illi naħseb fl-oħrajn.*



**Liema kien is-suġġett favorit tiegħek fl-iskola?**

*Fil-Primarja kelli ħafna għal qalbi il-Maths u fis-Sekondarja kont inħobb l-Accounts.*

**Ħafna meta jaħsbu fil-ħajja ta' soru, jimmaġinaw xi ħadd vera serju, qrib ħafna t'Alla, maqtugħ għalih ġo kunvent, f'ħajja donnha tixbah lil dik tal-anġli. Inti taħseb li l-ħajja Franġiskana qed taqtgħek mir-realtajiet li jħossu mdawwar minnhom il-bniedem tallum?**

*Ma nħossniex li din il-ħajja li qed ngħix qatgħatni mill-ħajja normali tal-bniedem tallum. Meta dħalt mas-sisters fil-fatt komplejt xorta bl-istudju tiegħi. Għalkemm għandna ħin biex nitolbu flimkien u anki nsibu ħin ta' waħidna mal-Mulej, u ngħixu fil-kunvent, il-ħajja tagħna hija normali bħal bqija tan-nies.*

**Żgur li kemm ilek tgħix din l-esperjenza Franġiskana, r-rapport tiegħek ma' tal-familja nbidel. Għadek *close* tagħhom?**



*Ir-rapport ma' tal-familja nbidel xi ftit, fis-sens li ma narahomx ta' kuljum iżda xorta waħda għadni close magħhom.*

## X'inhu l-messaġġ li tixtieq tagħti lil dawk iż-żgħażagħ li għadhom ifittxu?

*Li ma għandek taqta' qalbek qatt u tkun lesta li tiftaħ qalbek biex tagħraf dak li Alla jrid minnek. Tibżax tgħid l-iva tiegħek lill-Mulej, għax inti tagħtih ftit iżda Hu jagħtik bil-wisq akar minn dak li tista' timmagina.*





BIEX TIMTELA BIL-FERH VERU MHUX NECESSARJAMENT TIDHOL SORU, IMMA TISTA' TQATTA' FTIT HIN MA' DAK LI JAGHTIK DAK KOLLU LI JIMLIELEK QALBEK. DAK LI JISTA' JMEXXIK LEJN IL-HOLM LI GHANDU GHALIK. TKUN VERAMENT HASRA JEKK TKUN GHEXT HAJTEK MINGHAJRU.

## Paġna Ġdida.

*Grupp tal-Formazzjoni & L-iskejjel*

Il-fatt li tibda tikteb fuq paġna ġdida ifisser li tkun temmejt il-paġna ta' qabel u m'hemmx wisgħa fejn tkompli tikteb. L-istess jiġri fil-ħajja tagħna meta jkun se jinbidel xi ħaġa f'ħajjitna, bħal pereżempju; inbidlu l-istil ta' ħwejjeġ li nilbsu, forsi nbiddlu d-dar fejn noqogħdu, eċċ.

L-istudenti tas-sitt sena fl-iskejjel tal-Primarja tas-St Francis huma studenti li se jaqilbu l-paġna ta' ħajjithom u jibdew paġna ġdida. Aħna li avvanzajna xi ftit fl-età nafu xi tfisser li titlaq il-ħbieb, l-ambjent li tkun drajt fih, l-għalliema; ħafna minn dan qed jesperjenzawh dawn l-istudenti wkoll.

**F'dawn l-aħħar sitt snin jien għaddejthom ma' għalliema differenti u ħbieb mill-aqwa. L-għalliema tagħna minn dejjem kienu simpatiċi u meta jkollna bżonn għajnuna dejjem sibnihom. Jien qed inħares 'il quddiem biex immur ġo skola ġdida biex nitgħallem affarijiet ġodda.**

***Samira Muscat***



**L-iskola tiegħi vera tajba. L-għalliema dejjem kienu tajbin u qatt ma kelli bżonn ingerger minnhom. li se mmur skola sekondarja ħa nħossni qisni ħuta barra mill-ilma u lil din l-iskola vera togħġobni u ħa nimmisjaha ħafna. L-għalliema tas-sitt sena dejjem tgħinha u qatt ma qatgħet qalbha minna, insomma kull għalliema kienet tajba. L-iktar ħaġa li nieħu gost hi li mmur nisma' quddies kull nhar ta' Tnejn. Grazzi lil kull soru, fosthom Sr Rodolfa, l-għalliema li jieħdu paċenzja bina.**

***Deltin Vella***

When I started school I used to be small, I was about 90cm. On my way to year 6, I made many friends. I am now in my final year and I only have few months left. I am already missing this school. Although I am looking forward for next year, I am feeling a bit sad since I will have to leave my firends I have at the moment.

*Andrew Avellino*

I have had lots of fun at St Francis School Msida. I met lots of childern, and met many great teachers. I was interested in every lesson, especially Maths. I think that St Francis Msida is the best Primary school in Malta. Leaving for Secondry will be very hard, and I will miss lots of people and children.

*Matthew Kenely*

F'dawn l-aħħar sitt snin jien sibt ħafna ħbieb. F'din l-iskola ħassejtni ħafna komda u żgur li qatt m'jien se ninsiehom. Jien inħossni kburija li se mmur skola sekondarja, imma fl-istess ħin inħossni xi ftit imdejqa wkoll.

*Maria Carabott*



Sitt snin għaddew f'radda ta' salib. Għadni niftakar l-ewwel ġurnata tal-iskola. Kelli esperjenza sabiħa ħafna f'din l-iskola u ma ninsiha qatt. Inħossni ħerqan ħafna għal din il-bidla u ninsab ferħan għax l-iskola fejn se mmur, jipprattikaw ħafna sports. Għalkemm il-bidla ftit iebsa, jiena ċert li ħa jkolli esperjenza sabiħa.

*Andrew Xuereb*

Dawn l-aħħar sitt snin għaddejt ħajja tajba u sirt naf tfal ġodda. Peress li se mmur Skola Sekondarja se nimmisja lil kulħadd. Nixtieq nirringrazzja lil kulħadd li ħadu ħsiebi u lil Sr Carmen li tatna edukazzjoni tajba.

*Donna Deguara*

Dawn l-aħħar sitt snin ħassejtni kuntent u ferħan li għamilt ħbieb ġodda. Inħossni li qiegħed f'ambjent ta' familja. Nispera li meta mmur is-Sekondarja nħossni kif kont fil-Primarja.

*Matthias Farrugia*

JIen ili ġo din l-iskola erba' snin. Dħalt fit-tielet sena, kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti laqgħuni b'idejhom miftuħa. Kif niftakar li se nitlaq minn din l-iskola nħossni mdejqa għax se nħoss in-nuqqas ta' sħabi u tal-għalliema, imma fl-istess ħin inħossni ferħana li se niltaqa' ma' ħbieb ġosdda.

*Michela Debono*



Dawn l-aħħar sitt snin għaddew malajr ħafna, għadni niftakarni kuntent li dieħel fl-ewwel sena. Għalkemm ma nħobbx ħafna l-iskola għax nippreferi l-futbol, ma kontx niddejjaq nattendi. Issa ninsab kuntent ħafna li se nibda skola ġdida għax mhux se nkun mal-bniet. Ma jien ħa ninsa qatt dawn is-snin li għaddew, se nibqa' nżommhom f'qalbi. Nirringrazzja lill-għalliema kollha li kelli.

*Gianluca Mifsud*

My experience these six years have been amazing. I will certainly not forget the authority who took care of me. I am very excited to go to the Secondry school where I will be learning more subjects and meet other people. Most of all I will never forget the most amazing friends I have had during this year.

*Maria Debono*

Dawn l-aħħar sitt snin fl-iskola St Francis Msida, kienu sbieħ ħafna. L-isbaħ sena kienet is-sitt sena, għax kellna ħafna attivitajiet iżda din kienet ukoll l-itqal sena. Ħadt pjaċir li sejjer skola oħra għax se niltaqa' ma' tfal ġodda.

*Dylan Gatt*

When I first arrived at St Francis School Msida, I knew I was going to love this school. Now in my last year I feel as if it was just yesterday when I was entering my year 1 classroom for the first time. I am honored to to be going to St Francis Sliema like I was honored to be chosen to go to St Francis Kinder. I will never forget the people who helped me go so far.

*Maya Micallef Engerer*

It has been a pleausre coming to St Francis Msida these past two years. I like how the school has been decorated and my teachers were all kind and friendly. I am looking forward to go to my new school. I hope I will make a lot of new friends!

*Lara Farrugia*

Awguri lil kull student/a tal-iskejjel tagħna, St Francis - Msida, Birkirkara, Bormla u Rabat (Għawdex) - ċertament li fl-iskola tagħna ma kontux numru, iżda persuni lesti li jitgħallmu u jgħallmu lil ħaddieħor. Grazzi lil kull wieħed u waħda minnkom tal-preżenza tagħkom fil-ħajja u fl-iskola tagħna St Francis.

" Remember: Don't cry because it's over,

Smile because it happened! "



# " IL-VOKAZZJONI TFUR MILL-QALB T'ALLA "

SR PIERMARIE ZAMMIT

Bejn il-5 u l-11 ta' Mejju ta'din is-sena s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù kellhom programm tat-tħejjija għal jum il-vokazzjonijiet li bħal dejjem jiġi ċċelebrat fir-raba' Ħadd tal-Għid. Din il-preparazzjoni tkun importanti biex jiżdiet it-talb u fuq kollox li nsiru aktar konxji tal-importanza tax-xhieda tagħna fil-Knisja u fid-dinja.

Hija l-ewwel u qabel kollox tħeġġiġa personali biex nmur lura lejn l-għajn, l-għeruq tal-vokazzjoni u nrodd ħajr lil Alla b'ħafna ferħ għal dak li l-Mulej għamel miegħi u ma' ħafna oħrajn f'dawn is-snin minn meta sejjaħli biex nimxi warajh fil-ħajja reliġjuża sallum. Kif kien jgħid l-Papa San Ġwann Pawlu II – Il-vokazzjoni hi don u misteru. Ħadd ma jista' min jeddu jsir reliġjuż. Is-sejħa hija don bla mistħoqq ta' Alla. Araw x'igħid il-Papa Franġisku fil-messaġġ dinji ta' Talb għall-vokazzjonijiet.

***"L-ebda vokazzjoni ma titwieled minnha nfisha jew tgħix għaliha nnfisha" u jkompli: "Il-vokazzjoni tfur mill-Qalb t'Alla."***

Kemm laqtitni din il-frażi! Stħajjilt li l-Qalb t'Alla hi bħal xmara ta' mħabba li meta tfur tixxerred u titferra' f'qalb il-bnedmin waqt li tiksihom bl-Ispirtu u b'hekk jiġu msejħin u mħeġġa biex jimxu wara Kristu fil-ħajja kkonsagrata, ħajja li bit-tliet voti tagħti lok għall-ħajja ta' intimità profonda m'Alla tliet darbiet Qaddis: Missier, Iben u Spirtu Santu. Hu importanti għalhekk li minn jagħmel esperjenza tas-sejħa u jwieġeb għaliha jibqa' dejjem qrib din il-Qalb, din ix-xmara u jfittex li jixrob minn din l-għajn ta' Salvazzjoni. Kif igħid l-istess Papa Franġisku: ***"Il-vokazzjoni tfur mill-qal t'Alla, u tinbet fil-ħamrija tajba ta' poplu fidil."***

Barra dan, minn jisma' s-sejħa u jwieġeb għaliha jrid ikun konvint li Alla hu fidil u jżomm kelmtu. Qatt ma jidħaq bil-bniedem jew jinsieh. Kif nitolbu f'salm 23:

***"Imqar jekk nimxi f'wied mudlam ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi, il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek huma iwennsuni."***

Imma biex inkomplu nixorbu minn din ix-xmara li tnixxi mill-Qalb t'Alla rridu nħejju ruħna biex inkunu 'art tajba' billi nisimgħu, nilqgħu u ngħixu l-kelma u b'hekk nagħmlu l-frott.

Aktar ma ningħaqdu ma' Ġesu, permezz tat-talb, fl-Iskrittura Mqaddsa, l-Ewkaristija, is-sagramenti ċċelebrati u mgħixha fi ħdan il-knisja u fi spirtu ta' fraternità aktar ser jikber fina l-gost li nikkoperaw m'Alla fis-servizz tas-Saltna ta' ħniena u verità ,ta' ġustizzja u paċi.

Wara li ntemmet din il-ġimgħa li kellna, skont jien, l-quċċata tagħha meta l-Ġimgħa s-sorijiet tal-Provinċja ltaqgħu fil-knisja tagħna ta' San Franġisk, l-Imsida, għal mument ta' Adorazzjoni. Fih kkontemplajna l-ħsibijiet tal-fundatriċi tagħna Madre Margerita, inħossni mqanqla b'qawwa akbar biex ngħix bi sħiħ is-sejħa qaddis tiegħi u b'hekk nwassal lid-dinja l-messaġġ li Alla hu ta' min iħobbu u jgħix qrib tiegħu, u li fih biss insib l-għaxqa u l-milja ta' ħajti.

Għandi xewqa kbira li ħafna oħrajn tmisshom din ix-xorti, li jisimgħu lil Alla jsejħilhom u jwieġbu bi sħiħ u b'ħafna ġenerożità għal din is-sejħa.




" L-unika ħaġa meħtieġa għalina hi li nħallu lilna nfusna u nintelqu f'idejH biss. "
Venerabbli Qaddejja t'Alla
Madre Margerita
Tal-Qalb ta' Ġesù
Design & Editing: Formation Group